FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Settembru, 2001**

**Numru 2**

**Avviz. numru 1687/00JR**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Tessa Mercieca**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 t'Ottubru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u sittax-il lira Maltija (Lm216.00), rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u airtime ghall-istess uzuz ghall-perjodu mis-10 ta' Lulju, 1999 sa l-10 ta' Gunju, 2000.**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Anthony Vella ghas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont intier mitlub fl-avviz ghadu dovut.**

**Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress li t-talba attrici tirrizulta sodisfacentament pruvata, u wara li ra l-artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995 it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' mitejn u sittax-il lira Maltija (Lm216.00), bl-imghax legali mis-6 t'Ottubru, 2000.**

**L-ispejjez ta' din l-istanza, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**